

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

P8_TA(2018)0433

L-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (2018/2855(RSP))

(2020/C 345/10)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 11, 12, 39, 40, 47 u 52 tagħha, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 13, 16 u 17 tagħha, u l-Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 17, 19, 20 u 25 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ⁽¹⁾, kif ukoll id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali flimkien mal-Protokoll addizzjonali tagħha,
- wara li kkunsidra l-inkjesta tal-House of Commons dwar l-aħbarijiet foloz ("fake news") u l-Ħames Rapport Interim tal-Kumitat għall-Kultura, il-Midja u l-Ispert tagħha dwar id-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz,
- wara li kkunsidra s-seduti ta' smigħ organizzati mill-Kumitat għall-Enerġija u l-Kummerċ tal-House of Representatives tal-Istati Uniti,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adekwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar l-adekwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tas-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża C-362/14 Maximilian Schrems v Data Protection Commissioner ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tal-25 ta' Jannar 2018 fil-Kawża C-498/16 Maximilian Schrems v Facebook Ireland Limited ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża C-210/16 Unabhängiges Landeszentrum für Datenschutz Schleswig-Holstein v Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein GmbH ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

⁽³⁾ ĠU L 207, 1.8.2016, p. 1.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2018)0315.

⁽⁵⁾ ECLI:EU:C:2015:650.

⁽⁶⁾ ECLI:EU:C:2018:37.

⁽⁷⁾ ECLI:EU:C:2018:388.

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

- wara li kkunsidra t-talba formali ppreżentata minn David Carroll, li fiha talab lil Cambridge Analytica tirkupra l-informazzjoni personali tiegħu u tiżvela s-sors tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni 3/2018 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) tad-19 ta' Marzu 2018 dwar il-manipulazzjoni online u d-data personali ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar Teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet individwali u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra żewġ settijiet ta' tveġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet li baqgħu mingħajr tveġiba fil-laqgħa bejn il-mexxejja tal-gruppi politiċi fil-PE u l-Kap Eżekuttiv ta' Facebook, Zuckerberg, ippubblikati minn Facebook fit-23 ta' Mejju ⁽³⁾ u fl-4 ta' Ġunju 2018 rispettivament ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/234 tal-14 ta' Frar 2018 rigward it-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet 2019 lill-Parlament Ewropew ⁽⁵⁾, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar netwerks ta' kooperazzjoni elettorali, trasparenza online, protezzjoni kontra inċidenti taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra kampanji ta' diżinformazzjoni fil-kuntest ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (C(2018)5949), u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 intitolata "Għall-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti" (COM(2018)0637),
 - wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 rigward proċedura ta' verifika relatata mal-ksur ta' regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (COM(2018)0636),
 - wara li kkunsidra l-gwida tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data fil-kuntest elettorali (COM(2018)0638),
 - wara li kkunsidra s-seduti ta' smiġħ fil-fond organizzati mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, fuq mandat tal-Parlament Ewropew, dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data,
 - wara li kkunsidra r-rapporti tal-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit rigward l-investigazzjoni dwar l-użu tal-analitika tad-data fil-kampanji politiċi u r-rapport bit-titlu "Democracy disrupted" ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra t-testimonjanza tal-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC), ippreżentata fil-25 ta' Ġunju 2018 ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-23 ta' Ottubru 2018,
 - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ġurnaliżmu investigattiv żvela u rrenda pubbliku ksur kbir tad-data tal-utenti ta' Facebook b'rabta mal-aċċess mogħti minn Facebook lil applikazzjonijiet ta' terzi, u l-abbuż sussegwenti minn din id-data għal finijiet ta' kampanja elettorali, kif ukoll ksur ieħor li nkixef aktar tard dwar data personali miżmuma u miġbura mill-kumpaniji l-kbar tal-midja soċjali;

⁽¹⁾ https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/18-03-19_online_manipulation_en.pdf

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/newsroom/article29/item-detail.cfm?item_id=612053

⁽³⁾ <http://www.europarl.europa.eu/the-president/en/newsroom/answers-from-facebook-to-questions-asked-during-mark-zuckerberg-meeting>

⁽⁴⁾ <http://www.europarl.europa.eu/resources/library/media/20180604RES04911/20180604RES04911.pdf>

⁽⁵⁾ ĠU L 45, 17.2.2018, p. 40.

⁽⁶⁾ <https://ico.org.uk/media/action-weve-taken/2259369/democracy-disrupted-110718.pdf>

<https://ico.org.uk/about-the-ico/news-and-events/news-and-blogs/2018/07/findings-recommendations-and-actions-from-ico-investigation-into-data-analytics-in-political-campaigns/>

⁽⁷⁾ http://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2018-067_ep_hearing_facebook-cambridge_analytica.pdf

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

- B. billi dan il-ksur ta' data personali affettwa ċittadini minn madwar id-dinja kollha, inklużi ċittadini Ewropej u ċittadini mhux Ewropej li huma residenti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; billi diversi parlamenti nazzjonali organizzaw seduti ta' smigħ, għamlu inkjesti u ppubblikaw is-sejbiet tagħhom dwar il-kwistjoni;
- C. billi dan il-ksur ta' data personali seħħ fuq perjodu twil; billi, madankollu, il-kumpaniji kkonċernati kienu qed jiksru l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli dak iż-żmien, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE;
- D. billi l-abbuż tad-data żvelat fil-kuntest tal-iskandlu ta' Cambridge Analytica seħħ qabel l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR);
- E. billi l-kumpanija Facebook sostniet li l-ebda informazzjoni relatata mal-kontijiet bankarji, mal-karti ta' kreditu jew mal-informazzjoni nazzjonali tal-identità tal-persuni ma ngħaddiet lil Cambridge Analytica;
- F. billi l-kumpanija Cambridge Analytica sostniet li l-ipproċessar tad-data sar uffiċjalment għal skopijiet ta' riċerka, iżda li mbagħad għaddiet id-data li kienet gābret lil ħaddieħor għal finijiet politiċi u kummerċjali;
- G. billi r-reazzjoni inizjali tal-kumpaniji kkonċernati ma ssodisfatx l-istandards mistennija u ma ppermettietx investigazzjoni sħiħa u indipendenti mill-awtoritajiet ikkonċernati, la fil-livell nazzjonali u lanqas f'dak Ewropew;
- H. billi l-presidenti tal-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew organizzaw l-ewwel skambju ta' fehmiet mal-Kap Eżekuttiv u fundatur ta' Facebook, Mark Zuckerberg, fit-22 ta' Mejju 2018, u billi din il-laqqha rriżultat fit-talba min-naħa tal-Konferenza tal-Presidenti lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex, f'assoċjazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u mal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, jorganizza seduti ta' smigħ fil-fond ulterjuri;
- I. billi saru tliet seduti ta' smigħ dwar l-impatt tal-każ Facebook/Cambridge Analytica fuq kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data, il-proċessi elettorali, l-aħbarijiet foloz u l-pożizzjoni tal-midja soċjali fis-suq, fl-4 ta' Ġunju, fil-25 ta' Ġunju u fit-2 ta' Lulju 2018, bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji Ewropej ikkonċernati, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA), il-KEPD, il-President tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit, il-Kap Eżekuttiv tal-Kummissjoni Elettorali tar-Renju Unit, iċ-ċittadini kkonċernati u Facebook;
- J. billi l-kumpanija Facebook irrifjutat li tiddelega membri tal-persunal bil-livell adatt ta' responsabbiltà u li għandhom il-kompetenza teknika u l-għarfien meħtieġa kif kienu talbu l-Presidenti tal-Kumitati kkonċernati, u minflok baġħtet membri tat-tim inkarigati mill-politika pubblika għal kull waħda mit-tliet seduti ta' smigħ; billi l-informazzjoni mogħtija mir-rappreżentanti ta' Facebook waqt is-seduti ta' smigħ kienet nieqsa mill-preċiżjoni rigward il-miżuri konkreti u speċifiċi li l-kumpanija ħadet biex tiżgura konformità sħiħa mad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, u kienet ta' natura aktar ġenerali;
- K. billi, fl-Opinjoni 3/2018 tiegħu, il-KEPD iqajjem tħassib dwar il-kwistjonijiet tal-manipulazzjoni online u d-data personali; billi l-KEPD jgħid ukoll li d-dritt dwar il-kompetizzjoni għandu rwol kruċjali biex jiżgura li l-operaturi dominanti fis-suq jinżammu responsabbli u fil-ħarsien tad-demokrazija minn poter eċċessiv fis-suq; billi l-interessi tal-individwi għandhom ikunu riflessi aħjar meta tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' abbuż mill-pożizzjoni dominanti jew mill-fużjoni ta' kumpaniji li setgħu akkumulaw poter ta' infommazzjoni sinifikanti;
- L. billi, fl-Opinjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 sostna li t-tfassil ta' profili u t-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet jistgħu jirrappreżentaw riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi, li jirrikjedu salvagwardji adatti;
- M. billi l-President tal-EDPB enfasizza li l-każ Facebook/Cambridge Analytica seħħ qabel ma l-GDPR daħal fis-seħħ, u għalhekk is-sistema tal-Awtorità Superviżorja Responsabbli taħt il-GDPR ma tapplikax; billi l-investigazzjonijiet tmexxew mill-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit
- N. billi l-kumpanija Facebook ammettiet li daħlet f'kuntratt ma' żviluppatur tal-applikazzjonijiet bla ma wettqet verifika minn qabel dwar it-termi u l-kundizzjonijiet tiegħu, li kienu jirriservaw lil dan tal-aħħar id-dritt li jiżvela data personali lil partijiet terzi; billi dan in-nuqqas kellu konsegwenzi gravi, u billi tali Prattika diġà kienet illegali taħt il-leġiżlazzjoni applikabbli ta' dak iż-żmien dwar il-protezzjoni tad-data;

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

- O. billi bħalissa għaddejjin negozjati rigward ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika;
- P. billi l-EDPB indika li diġà hemm madwar 100 każ transfruntier li qed jiġu indirizzati fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' konsistenza taħt il-GDPR; billi l-Bord jikkoordina l-azzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data sabiex jiżgura approċċ komuni fl-infurzar tad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;
- Q. billi l-kumpanija Facebook, firmatarja tat-Tarka tal-Privatezza, ikkonfermat li d-data personali ta' sa 2,7 miljun ċittadin tal-UE kienet fost dik li ntużat b'mod abbużiv mill-kumpanija ta' konsulenza politika Cambridge Analytica;
- R. billi, fit-28 ta' Settembru 2018, il-kumpanija Facebook stqarret pubblikament li attur estern attakka s-sistemi tagħha u sfrutta vulnerabbiltà li esponiet il-kodiċijiet ta' aċċess għal Facebook ta' 50 miljun kont, u billi l-Kummissjoni Irlandiża dwar il-Protezzjoni tad-Data u awtoritajiet oħra għall-protezzjoni tad-data bdew investigazzjonijiet ta' dawn il-fatti biex jivvalutaw il-konformità mad-dritt tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data;
- S. billi l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (FTC) tal-Istati Uniti bħalissa qed tinvestiga jekk il-kumpanija naqsitx milli tonora l-wegħdiet tagħha rigward il-privatezza, inkluż li tirrispetta t-Tarka tal-Privatezza, jew jekk kinitx involuta f'atti inġusti li kkawżaw ħsara sostanzjali lill-konsumaturi bi ksur tal-Att li jstabbilixxi l-FTC u l-ftehim preċedenti li ntlaħaq bejn il-Kummissjoni u Facebook fl-2011;
- T. billi erba' għaqdiet tal-konsumaturi fil-Belġju, l-Italja, Spanja u l-Portugall istitwew azzjoni ta' rimedju kollettiv kontra Facebook, u talbu kumpens ekonomiku għall-utenti ta' Facebook affettwati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom;
- U. billi l-BEUC, fit-testimonjanza li ppreżenta fil-25 ta' Ġunju 2018, sostna li hemm bżonn li tiġi żgurata r-responsabbiltà tal-pjattaformi għall-aċċess għad-data personali min-naħa ta' partijiet terzi; billi, fl-istess testimonjanza, il-BEUC isostni wkoll li l-kumpaniji għandhom jagħmlu aktar biex jiżguraw strutturi ta' responsabbiltà solidi għall-aċċess għad-data personali min-naħa ta' kumpaniji sħab u għall-isfruttament ulterjuri ta' din id-data;
- V. billi l-investigazzjoni tal-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit kopriet ukoll il-konnessjoni bejn Cambridge Analytica, il-kumpanija prinċipali tagħha SCL Elections Limited u Aggregate IQ, u tirrigwarda allegazzjonijiet li data personali, miksuba minn Facebook, setgħet intużat ħażin miż-żewġ naħat fir-referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija fl-UE u wkoll biex timmira fuq votanti fil-proċess tal-elezzjoni presidenzjali Amerikana tal-2016; billi l-investigazzjoni tal-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit saret prinċipalment skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-1998 u r-Regolamenti dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (PECR) tal-2003, b'estrapolazzjoni wkoll għall-GDPR, fejn dan kien f'loku;
- W. billi l-Kumitat Magħżul għall-Kultura, il-Midja u l-Isport tal-House of Commons tar-Renju Unit sema' **evidenza li wriet li ndħil allegat min-naħa tar-Russja fil-proċessi elettorali fl-UE u ħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jinvestigaw dawn l-allegazzjonijiet; billi, f'Mejju 2017, fl-Istati Uniti nħatar Konsulent Speċjali biex jinvestiga l-ndħil Russu fl-elezzjoni presidenzjali tal-2016 u kwistjonijiet relatati, u billi din l-investigazzjoni għadha għaddeja;**
- X. billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit bagħat notifika uffiċjali lil Facebook bl-intenzjoni tiegħu li jimponi penali monetarja ta' GBP 500 000 għal nuqqas ta' trasparenza u kwistjonijiet ta' sigurtà b'rabta mal-ġbir tad-data bi ksur tal-ewwel u s-seba' prinċipji tal-protezzjoni tad-data skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-1998;
- Y. billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit diġà ħareġ 23 Avviż ta' Informazzjoni fil-konfront ta' 17-il organizzazzjoni u individwu differenti, inkluża l-kumpanija Facebook fit-23 ta' Frar 2018, li fihom talab li l-organizzazzjonijiet jagħtuh informazzjoni b'mod strutturat; billi, fit-18 ta' Mejju 2018, il-kumpanija Facebook ikkonfermat li Aggregate IQ ħolqot u, f'xi każijiet, għamlet reklami fisem il-kampanja Vote to Leave tal-Partit tal-Unjonisti Demokratiċi (DUP), Vote Leave, BeLeave u Veterans for Britain;
- Z. billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit esprima t-tħassib tiegħu dwar it-termini tal-informazzjoni disponibbli għall-utenti dwar is-sorsi tad-data, kif ukoll dwar id-disponibbiltà u t-trasparenza tal-kontrolli offruti lill-utenti; billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit sostna wkoll li l-informazzjoni u l-kontrolli ta' privatezza ġenerali mqiegħda għad-dispożizzjoni minn Facebook ma kinux jinfurmaw effettivament lill-utenti dwar l-użu li aktarx isir mill-informazzjoni personali tagħhom; billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit qajjem tħassib dwar każijiet fejn sar aċċess għad-data fil-pjattaforma ta' Facebook u din id-data ntużat għal skopijiet għajr dawk li kienet maħsuba għalihom, jew li s-suġġetti tagħha ma setgħux raġonevolment jipprevedu;

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

- AA. billi ċ-ċifri tal-Kummissjoni Elettorali tar-Renju Unit juru li l-partiti politiċi fir-Renju Unit nefqu GBP 3,2 miljun fuq reklamar dirett fuq Facebook matul l-elezzjoni ġenerali tal-2017;
- AB. billi n-networks soċjali jikkostitwixxu pjattaforma importanti għall-partiti politiċi u għall-istituzzjonijiet pubbliċi, peress li jippermettullhom jirrelataw maċ-ċittadini;
- AC. billi l-pjattaformi online globali jiffaċċjaw sfidi biex jikkumbattu l-aħbarijiet foloz b'mod effikaċi, għaliex it-theddidiet u x-xenarji medjatiċi huma differenti f'pajjiżi u f'reġjuni differenti;
- AD. billi l-analiżi tad-data u l-algoritmi qed iħallu impatt dejjem akbar fuq l-informazzjoni li jkollhom aċċess għaliha ċ-ċittadini; billi dawn it-tekniki, jekk jintużaw ħażin, jistgħu jipperikolaw id-drittijiet fundamentali għall-informazzjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;
- AE. billi r-responsabbiltà u t-trasparenza tal-algoritmi huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-individwi jkunu infurmati sewwa dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom u jifhmuh ċar; billi dan għandu jiġi tradott fl-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u operazzjonali li jiżguraw it-trasparenza u nondiskriminazzjoni fit-teħid awtomatizzat tad-deċiżjonijiet, u li jipprojbixxu l-kalkolu tal-probabbiltà tal-imġiba individwali; billi t-trasparenza għandha tagħti lill-individwi informazzjoni sinifikanti dwar il-loġika involuta, is-sinifikat u l-konsegwenzi previsti; billi dan għandu jinkludi informazzjoni dwar id-data użata għat-taħriġ fl-analitika tal-Big Data, u jippermetti lill-individwi jifhmu d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom u jżommu għajnejhom fuqhom;
- AF. billi, fil-laqgħa li kellha mal-Kummissarji Ewropej fit-2 ta' Lulju 2018, il-kumpanija Facebook wiegħdet li tikkoopera u li kienet sejra tħalli lil akkademiċi indipendenti jeżaminaw id-data dwar l-allegata manipulazzjoni ta' voti;
1. Jistenna li l-pjattaformi online kollha jiżguraw konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, jiġifieri l-GDPR u d-Direttiva 2002/58/KE (dwar il-Privatezza Elettronika), u jgħinu lill-utenti jifhmu kif l-informazzjoni personali tagħhom tiġi pproċessata fil-mudell tar-reklamar personalizzat, u li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom kontrolli effettivi, li jinkludu l-garanzija li atti ta' kunsens separati jintużaw għal skopijiet differenti ta' pproċessar, u li jkun hemm aktar trasparenza rigward is-settings ta' privatezza, kif ukoll id-disinn u l-prominenza tal-avviżi relatati mal-privatezza;
 2. Jenfasizza li l-eżenzjoni għal finijiet ta' riċerka prevista fid-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data qatt ma tista' tintuża bħala lakuna għall-abbuż tad-data;
 3. Jieħu nota tal-istqarrija tal-kumpanija Facebook li d-data ta' daww li ma jużawx Facebook tużaha esklużivament biex toholq settijiet aggregati ta' data li minnhom tislet konklużjonijiet dwar kif jintuża s-servizz;
 4. Jenfasizza l-hteġa ta' aktar responsabbiltà u trasparenza tal-algoritmi fdak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar u l-analitika tad-data mis-settur privat u minn dak pubbliku u min-naħa ta' atturi oħra li jużaw l-analitika tad-data, bħala għodda essenzjali biex jiġi ggarantit li l-individwi jkunu infurmati debitament dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom;
 5. Huwa tal-fehma li l-era diġitali tirrikjedi li l-liġijiet elettorali jiġu adattati għal din ir-realtà diġitali ġdida, u jissuġġerixxi li s-salvagwardji elettorali konvenzjonali ("offline"), bħar-regoli applikabbli għal komunikazzjonijiet politiċi matul il-perjodi elettorali, it-trasparenza fl-infiq elettorali u l-limiti tiegħu, ir-rispett ta' perjodi ta' silenzju u t-trattament ugwali tal-kandidati, għandhom japplikaw ukoll online. isostni li l-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema obbligatorja ta' impronti diġitali għal kampanji u r-reklamar elettroniċi u jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza ta' reklami u komunikazzjonijiet politiċi online bi ħlas; jenfasizza li kwalunkwe forma ta' reklamar politiku għandha tinkludi informazzjoni li tkun faċilment aċċessibbli u li tintfiehmed dwar il-pubblikatur u dwar min hu legalment responsabbli għall-infiq, hekk li jkun ċar min ikun iffinanzja l-kampanji, b'mod simili għar-rekwiżiti eżistenti għall-materjal stampat tal-kampanji fdiversi Stati Membri; jinsisti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jagħrfu faċilment reklami u komunikazzjonijiet politiċi online bi ħlas, u l-partit, il-fondazzjoni jew l-organizzazzjoni warajhom; jinsisti, barra minn hekk, li t-trasparenza għandha tinkludi wkoll informazzjoni kompluta dwar il-kriterji għall-għażla tal-grupp fil-mira tar-reklamar politiku speċifiku u d-daqs previst tal-grupp fil-mira;

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

6. Jieħu nota li s-settings ta' privatezza ta' Facebook ġew aġġornati biex l-utenti jkunu jistgħu jagħżlu li ma jiġux f'mira personalizzata fuqhom, inkluż li ma jintwerewx reklami bbażati fuq informazzjoni miksuba minn partijiet terzi, u li l-informazzjoni personali miġbura minn Facebook ma tintużax biex jintwerewlhom reklami fuq siti web jew pjattaformi oħra;
7. Jirrakkomanda li l-pjattaformi online kollha jagħmlu distinzjoni bejn l-użu politiku u dak kummerċjali tal-prodotti tar-reklamar online tagħhom; ifakkar li l-ipproċessar tad-data personali għar-reklamar politiku jirrikjedi bażi ġuridika differenti minn dik għar-reklamar kummerċjali;
8. Jemmen li r-rekwiżit introdott reċentement minn Facebook fl-Istati Uniti, jiġifieri li l-identità, il-lok u l-isponsor tar-reklami politiċi jiġu vverifikati, huwa inizjattiva tajba li se tqawwi t-trasparenza u tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-indħil elettoralu minn operatori barranin; iħeġġeġ lill-kumpanija Facebook tintroduċi l-istess obbligi għar-reklamar politiku fl-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri jaġġustaw il-liġijiet elettoralu tagħhom b'dan l-effett;
9. Jemmen li t-fassil ta' profili għal finijiet politiċi u elettoralu u t-fassil ta' profili abbażi ta' mgħiba online li jistgħu jiżvelaw preferenzi politiċi, bħal interazzjonijiet ma' kontenut politiku, safejn, skont id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, jirreferu għal opinjonijiet politiċi jew filosofiċi, għandhom ikunu pprojbiti, u hu tal-fehma li l-pjattaformi tal-midja soċjali għandhom jagħmlu monitoraġġ u jinfurmu attivament lill-awtoritajiet f'każ ta' okkorrenzi ta' tali mgħiba; jemmen ukoll li t-fassil tal-profilu għal skopijiet politiċi u elettoralu bbażat fuq data oħra, bħal fatturi soċjoekonomiċi jew demografiċi, għandu jiġi pprojbit; jistieden lill-partiti politiċi u lil atturi oħra involuti fl-elezzjonijiet biex joqogħdu lura milli jużaw it-fassil ta' profili għall-finijiet politiċi u elettoralu; jistieden lill-partiti politiċi jkunu trasparenti rigward l-użu li jagħmlu minn pjattaformi u data online;
10. Ifakkar fil-miżuri proposti mill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura elezzjonijiet Ewropej hielka u ġusti, b'mod partikolari l-emenda leġislattiva maħsuba biex tissikka r-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej, bil-previżjoni tal-possibbiltà li timponi sanzjonijiet finanzjarji għall-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data bil-għan li dak li jkun intenzjonalment jinfluwenza l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej; ifakkar li l-ipproċessar ta' data personali mill-partiti politiċi fl-UE huwa soġġett għall-GDPR, u li l-ksur tal-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi koperti minn din il-liġi jirriżultaw f'multi u sanzjonijiet addizzjonali;
11. Iqis li l-indħil elettoralu huwa riskju enormi għad-demokrazija, li l-indirizzar tiegħu jirrikjedi sforz konġunt li jinvolvi lill-fornituri tas-servizzi, lir-regolaturi, kif ukoll lil atturi u partiti politiċi;
12. Jilqa' l-pakkett ippreżentat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2018 dwar it-tħejjijiet għall-elezzjonijiet Ewropej;
13. Ifakkar fil-wegħda tal-kumpanija Facebook li tagħti lil akkademiki u esperti indipendenti aċċess għad-data dwar l-allegata manipolazzjoni ta' voti, u jistenna li qabel tmiem l-2018 jiġi infurmat bil-konstatazzjonijiet ewlenin u bir-rimedji proposti;
14. Jieħu nota tal-azzjonijiet meħuda minn Facebook fil-ġlieda kontra l-abbuż tad-data, inklużi d-diżattivazzjoni jew il-projbizzjoni ta' applikazzjonijiet li jkun hemm suspett li jkunu abbużaw mid-data tal-utenti; jistenna li Facebook tagħxi bil-ħeffa fuq rapporti ta' applikazzjonijiet suspettużi jew abbużivi, u li tipprevjeni minn qabel li tali applikazzjonijiet jitħallew jidħlu fuq il-pjattaforma;
15. Jenfasizza li l-pjattaformi tal-midja soċjali mhumieq sempliċement pjattaformi passivi li biss jiġbru flimkien kontenut iġġenerat mill-utenti, iżda li l-iżviluppi teknoloġiċi wessgħu l-ambitu u r-rwol ta' dawn il-kumpaniji bl-introduzzjoni ta' reklamar ibbażat fuq l-algoritmi u l-pubblikazzjoni tal-kontenuti; jikkonkludi li dan ir-rwol il-ġdid għandu jkun rifless fil-qasam regolatorju;
16. Jieħu nota, b'dispaċir, li l-kumpanija Facebook ma kenitx lesta tibgħat membri tal-persunal li kellhom il-livell tekniku u r-responsabbiltà korporattiva xierqa biex jattendu s-seduti ta' smiġh, u jirimarka li dan l-atteġġjament huwa ta' detriment għall-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fil-pjattaformi soċjali; jiddispaċih li Mark Zuckerberg ma riedx jattendi seduta ta' smiġh pubbliku mal-Membri;

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

17. Jieħu nota li l-kumpanija Facebook mhux biss kisret il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE, iżda kisret ukoll id-dritt tal-UE, u jfakkar li matul is-seduti ta' smigħ, rappreżentant ta' Facebook ikkonferma li l-kumpanija kienet konxju li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni "This is your digital life" iddikjaraw li d-data miġbura mill-applikazzjoni setgħet tintbagħat lil partijiet terzi; jikkonkludi li Facebook konxjament daħlet f'kuntratt ma' żviluppatur tal-applikazzjonijiet li ħabbar apertament li jirriżerva d-dritt li jiżvela data personali lil partijiet terzi; jikkonkludi, barra minn hekk, li Facebook hija l-kontrollur tad-data personali, u għalhekk hija legalment responsabbli meta tidħol f'kuntratt ma' proċessur li jikser id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

18. Jieħu nota tat-titjib magħmul minn Facebook f'dak li għandu x'jaqşam mal-privatezza wara l-iskandlu ta' Facebook/Cambridge Analytica, iżda jfakkar li l-kumpanija wiegħdet awditu intern sħiħ li l-Parlament Ewropew għadu ma ġiex infurmat bih, u jirrakkomanda li Facebook jagħmel bidliet sostanzjali fil-pjattaforma tiegħu biex jiżgura l-konformità tiegħu mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

19. Ihegġegħ lill-kumpanija Facebook tippermetti u tabilita lill-ENISA u lill-EDPB, fil-limiti tal-mandati rispettivi tagħhom, iwettqu awditu sħiħ u indipendenti tal-pjattaforma tagħha u jippreżentaw il-konstatazzjonijiet ta' dan l-awditu lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali; jemmen li tali awditu għandu jsir anke għal pjattaformi kbar oħrajn;

20. "Jenfasizza l-urġenza li ssir għieda kontra tentattivi ta' manipolazzjoni fl-elezzjonijiet tal-UE u li jiġu rafforzati r-regoli applikabbli għall-pjattaformi online f'dak li jirrigwarda t-tfixkil fid-dħul mir-rikلامي tal-kontijiet u mis-siti tal-internet li jwasslu informazzjoni żbaljata; Jilqa' l-pjanijiet individwali li jfasslu azzjonijiet konkreti sabiex issir għieda kontra informazzjoni żbaljata fl-Istati Membri kollha tal-UE li l-pjattaformi online u l-industrija tar-riklamar ippreżentaw lill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018; ihegġegħ lill-pjattaformi online jimmarkaw il-kontenut kondiviż mill-bots billi japplikaw regoli trasparenti, ihegġegħhom iħaffu l-pass tal-proċess tat-tneħħija ta' kontijiet foloz u li jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet tal-qradi biex jagħtu d-dettalji ta' daww responsabbli għall-ħolqien ta' kontenuti illegali u sabiex jaħdmu ma' verifikaturi tal-fatti u mal-membri tal-universita' indipendenti sabiex jinformaw lill-utenti dwar l-informazzjoni żbaljata li għandha firxa wiesgħa u sabiex joffru korrezzjonijiet kull meta jkun disponibbli;

21. Jistieden lill-pjattaformi online kollha li jipprovdu servizzi ta' reklamar lill-partiti u lill-kampanji politiċi biex, fi ħdan t-timijiet ta' appoġġ għall-bejgħ tagħhom, jinkludu membri tal-persunal speċjalizzati li jkun kapaċi jagħtu pariri speċifiċi lill-partiti u lill-kampanji politiċi rigward it-trasparenza u r-responsabbiltà bi rbit ma' kif ma jħallux li d-data personali tintuża biex l-utenti jinġiebu fil-mira; jistieden lill-pjattaformi online kollha li jippermettu lix-xerrejja tar-reklamar jagħmlu ċerti għażliet biex jipprovdu parir legali dwar ir-responsabbiltajiet ta' daww ix-xerrejja bħala kontrolluri konġunti tad-data, wara s-sentenza tal-QĠUE fil-kawża C-210/16;

22. Jistieden lill-pjattaformi online kollha biex jintroduċu b'urġenza l-miżuri ta' trasparenza previsti fir-rigward tar-reklamar politiku, li għandhom jinkludu l-konsultazzjoni dwar dawn l-għodod u l-evalwazzjoni tagħhom min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-osservazzjoni u mill-kontroll tal-elezzjonijiet; jinsisti li tali reklamar politiku u elettoral ma għandux isir fuq il-bażi ta' profili ta' utenti individwali;

23. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw ir-regoli elettoralji dwar il-kampanji online, inklużi daww dwar it-trasparenza rigward il-finanzjament, il-perjodi ta' silenzju, ir-rwol tal-midja u d-diżinformazzjoni;

24. Jirrakkomanda li għandu jkun rekwiżit li jsiru awditi minn partijiet terzi wara l-konklużjoni ta' kampanji referendarji, biex jiżguraw li d-data personali fil-pussess tal-kampanja titħassar jew, jekk tkun inqasmet ma' ħaddieħor, li jkun inkiseb il-kunsens adegwat;

25. Jistieden lill-kumpanija Facebook ittejjeb it-trasparenza tagħha b'tali mod li l-utenti jkun jistgħu jifhmu kif u għaliex jistgħu jinġiebu fil-mira ta' partit politiku jew ta' kampanja politika;

26. Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data għandhom jingħataw finanzjament adegwat biex jiġmgħu l-istess għarfien tekniku espert li għandhom l-organizzazzjonijiet taħt l-iskrutinju tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jingħataw ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effikaċi u biex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, kif jirrikjedi l-Artikolu 52 tal-GDPR. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiskrutinizza l-Istati Membri bir-reqqa rigward l-obbligu tagħhom li jagħmlu dawn ir-riżorsi disponibbli, u jekk ikun meħtieġ, tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur;

27. Ifakkar li l-kumpanija Facebook hija organizzazzjoni awtoċertifikata fil-qafas tat-Tarka tal-Privatezza UE-US, u li, bħala tali, ibbenefikat mid-deċiżjoni dwar l-adeqwatezza bħala bażi legali għat-trasferiment ta' data personali mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti u għall-ipproċessar ulterjuri ta' dik id-data;

28. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar l-adeqwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US u, fid-dawl tar-rikonoxximent min-naħa tal-kumpanija Facebook li seħħew vjolazzjonijiet maġġuri tal-privatezza, jistieden lill-awtoritajiet Amerikani inkarigati mill-infurzar tat-Tarka tal-Privatezza jaġixxu bla dewmien fuq dawn ir-rivelazzjonijiet, b'konformità sħiħa mal-assigurazzjonijiet u mal-impenji mogħtija rigward ir-rispett tal-arranġament tat-Tarka tal-Privatezza kurrenti u, jekk ikun hemm b'żonn, ineħħu lil dawn il-kumpaniji mil-lista tat-Tarka tal-Privatezza; jilqa', f'dan ir-rigward, it-tneħħija ta' Cambridge Analytica mit-Tarka tal-Privatezza f'Ġunju 2018; jistieden ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tad-data tal-UE jinvestigaw dawn ir-rivelazzjonijiet u, jekk ikun il-każ, jissospendu jew jipprojbixxu t-trasferimenti ta' data fil-qafas tat-Tarka tal-Privatezza; jistenna li l-FTC, bħala l-awtorità Amerikana responsabbli, tagħti sommarju dettaljat tal-konstatazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni ladarba tkun ikkonkludiet l-investigazzjoni tagħha dwar il-ksur tad-data li jinvolvi lil Facebook u lil Cambridge Analytica, u tiegħu azzjoni ta' infurzar xierqa kontra l-kumpaniji involuti biex tipprovdi deterrent effikaċi;

29. Jiddispijaċi li l-iskadenza tal-1 ta' Settembru 2018 biex l-Istati Uniti jkunu konformi bis-sħiħ mat-Tarka tal-Privatezza ma ġietx irrispettata; iqis, għalhekk, li l-Kummissjoni naqset milli taġixxi f'konformità mal-Artikolu 45(5) tal-GDPR; għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fi qbil mar-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar l-adeqwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US, tissospendi t-Tarka tal-Privatezza sakemm l-awtoritajiet tal-Istati Uniti jikkonformaw mat-termini tagħha;

30. Jieħu nota li l-abbuż ta' data personali jaffettwa d-drittijiet fundamentali ta' biljuni ta' nies madwar id-dinja; iqis li l-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprovdu l-ogħla standards ta' protezzjoni; jiddeplora d-deċiżjoni tal-kumpanija Facebook li twarrab lil 1,5 biljun utent f'pajjiżi terzi mill-protezzjoni mogħtija mill-GDPR u mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika; jikkontesta l-legalità ta' pass bħal dan; iħeġġeġ lill-pjattaformi online kollha japplikaw l-istandards tal-GDPR (u dawk tal-Privatezza Elettronika) fis-servizzi kollha tagħhom, irrispettivament minn fejn jiġu offruti, peress li standard għoli ta' protezzjoni tad-data personali qed jitqies dejjem aktar bħala vantaġġ kompetittiv kbir;

31. Jitlob li l-Kummissjoni Ewropea taġġorna u tqawwi r-regoli tal-kompetizzjoni biex jirriflettu r-realtà diġitali, u teżamina l-mudell kummerċjali tal-pjattaformi tal-midja soċjali u s-sitwazzjoni possibbilment monopolistika tagħhom, b'kunsiderazzjoni debita tal-fatt li tali sitwazzjoni tista' tkun preżenti minħabba l-ispeċifità tal-marka u l-ammont ta' data personali li tinżamm, aktar mill-preżenza ta' sitwazzjoni ta' monopolju tradizzjonali, u tiegħu l-miżuri meħtieġa bħala rimedju; jitlob li l-Kummissjoni tippromovi emendi għall-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li jirrikjedu wkoll li fornituri ta' komunikazzjonijiet over-the-top jagħmlu interkonnessjoni ma' oħrajn, biex jingħeleb l-effett ta' intrapolament tal-utenti tagħhom;

32. Jitlob li l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra kollha tal-Unjoni Ewropea jivverifikaw li l-paġni tal-midja soċjali u l-għodod ta' analiżi u marketing li jużaw fis-siti web rispettivi tagħhom bl-ebda mod ma jqiegħdu friskju d-data personali taċ-ċittadini; jissuġġerilhom jevalwaw il-politiki tal-komunikazzjoni kurrenti tagħhom minn dik il-perspettiva, liema evalwazzjoni tista' twassal biex iqisu jekk għandhomx jagħlqu l-kontijiet Facebook tagħhom bħala kundizzjoni neċessarja għall-protezzjoni tad-data personali ta' kull individwu li jikkuntattjahom; jagħti istruzzjonijiet lid-dipartiment ta' komunikazzjoni tiegħu stess biex iżommu strettament mal-Linji Gwida tal-KEPD dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata mis-servizzi web ipprovduti mill-istituzzjonijiet tal-UE⁽¹⁾;

33. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni Ewropea li jmiss għandha tagħti lil wieħed mill-membri tagħha l-kompetu speċifiku tal-portafoll tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, bil-ħsieb li jaħdem b'mod proattiv ma' sħab fl-UE u lil hinn minnha u jiżgura li l-proposti leġislattivi kollha jkunu konformi bis-sħiħ mal-acquis legali tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

34. Iħeġġeġ lill-Kunsill itemm l-impass dwar ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika, u fl-aħħar jilħaq qbil mal-Parlament Ewropew mingħajr ma jbaxxi l-livell ta' protezzjoni li tagħti illum id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-utenti kontra l-mira personalizzata fuqhom, jiġu mħarsa;

⁽¹⁾ https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/16-11-07_guidelines_web_services_en.pdf

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018

35. Jitlob li l-Kummissjoni tagħmel awditu tal-attivitajiet tal-industrija tar-reklamar fuq il-midja soċjali u tipproponi leġiżlazzjoni f'każ li s-settur u l-partijiet ikkonċernati ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim dwar Kodiċijiet ta' Mġiba volontarji li jkollhom miżuri dissważivi;

36. Jistieden lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew iwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar il-kumpanija Facebook u l-prattiki kurrenti tagħha, sabiex il-mekkaniżmu ta' konsistenza l-ġdid tal-GDPR ikun jista' jintuża b'mod affidabbli biex jstabbilixxi risposta xierqa u effiċjenti ta' infurzar Ewropew;

37. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jintużaw għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet.

38. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom ma' partijiet terzi, inklużi l-midja, il-pjattaformi online u l-fornituri tat-teknoloġija tal-informazzjoni, f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni maħsuba biex iqawwu t-trasparenza tal-elezzjonijiet u jibnu l-fiduċja fil-proċessi elettorali.

39. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jinvestigaw b'urġenza, b'appoġġ mill-Eurojust jekk ikun hemm bżonn, dwar l-allegat abbuż tal-ispazju politiku online minn poteri barranin;

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Istati Uniti tal-Amerka, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Kap Eżekuttiv ta' Facebook.
